MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2005

Numru 993/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
**V**

**MARIO PISANI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO PISANI** bin Nazzareno u Mary nee Micallef, imwieled Pieta nhar il-hmistax ta' Dicembru 1967 u residenti Flat 2, 'Gaudi', Triq William Baker, Gudja, detentur tal-karta tal-identita numru 03268M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli bejn l-erbatax ta' Mejju 2004 u l-erbatax ta' Settembru 2004, gewwa l-Gudja, ikkommetta serq ta' dokumenti li kien jaf li kienu ta' martu minn Flat 1, 'Gaudi', Triq William Baker, Gudja, liema flat huwa proprjeta ta' Joseph Mangion meta l-istess reat huwa aggravat bil-persuna;

2. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, dahal fir-residenza tal-istess Joseph Mangion wara li kien gie mwissi biex ma jaghmilx dan;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta' Novembru 2004 [fol 7] sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar t-tnax ta' Jannar 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 8].
Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jiddikjara li kien qed jirrimetti ruhu ghall-atti u proprju ghal verbal redatt minnu waqt s-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' April 2005 [fol 22].

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax ta' Janar 2005 **xehed PS 359 Carmelo Abdilla** [fol 9] fejn qal li fis-sbatax ta' Settembru 2004 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghaxija kienu marru jaghmlu rapport certa Carmen Pisani li tigi l-mara tal-imputat odjern u missierha Joseph Mangion li ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar meta Carmen Pisani marret sabiex tiehu xi dokumenti mill-gwardarobba fir-residenza ta' missierha Joseph Mangion li jinsab fl-istess blokk t'appartament fejn joqghod Mario Pisani l-imputat, ma sabithomx f'posthom. Qalet li l-imputat Mario Pisani joqghod fi flat numru tnejn fl-istess blokk t'appartamenti sottopost ghal flat ta' missierha. Ix-xhud kompla jghid li Carmen Pisani allegat li l-ahhar darba li kienet rat dawk d-dokumenti kien xi xahar qabel w issuspettat li kien r-ragel taghha l-imputat li kien hadhomlha peress li kienu ser jinbdew xi proceduri l-Qorti bejniethom. Mistoqsi mill-Qorti

jekk l-imputat kellux access ghal post ta' Joseph Mangion, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li lilu Joseph Mangion kien qallu li ma kien sab imkien sgassat, la l-bieba tal-gwardarobba u lanqas il-bieb principali tal-post. Ix-xhud qal li staqsihom biex jibghat ghal imputat pero xtaqu li jhallu l-kwistjoni pendenti sabiex jkellmuh huma l-ewwel bil-kwiet, peress li ma xtaqux li hu jmur f'darhom peress li kellhom persuna b'disabilita. Sussegwentement, Joseph Mangion infurmah li kien kellem lil imputat u allegatament l-imputat kien ammetta mieghu li hu kien ha l-oggetti in kwistjoni pero kien f'posizzjoni li jirritornhom lura kif effettivament kien ghamel. Ix-xhud zied jghid li mbaghad kien ircieva kwerela minghand Dottor Vella Cuschieri sabiex jiehdu l-passi mehtiega fil-konfront tal-imputat.

Ix-xhud esibixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument 'Z' [fol 12]. Qal li l-oggetti li allegatament gew misruqa kienu ricevuti pero skond ma qaltlu Carmen Pisani kien hemm wkoll xi statements tal-bank li skond hi wkoll, r-ragel taghha kien ilu jitlobha ghal xi zmien sabiex jigi stabbilit x'kien intefaq fiz-zwieg u dak li ma kienx intefaq fiz-zwieg.
Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qallu li hu kien ha dawk l-affarijiet sabiex jaghmel fotokopja taghhom u dan sabiex ikun jaf l-posizzjoni tieghu meta jiddiskuti s-separazzjoni tieghu. Ikkonferma li hu personalment, fil-post proprjeta ta' Joseph Mangion, qatt ma mar. Qal li sussegwentement dawn l-oggetti kienu gew ritornati pero il-kwerelanti xorta riedu jibqghu ghaddejjin bil-proceduri.

Nhar t-tnax ta' Jannar 2005 **xehed Joseph Mangion** [fol 15] fejn qal li bintu hija mizzewwga lil imputat. Qal li hu joghod 37, "Gaudi", Flat 1, Triq William Baker, Gudja filwaqt li bintu toqghod fil-post ta' fuqu fi flat numru tnejn [2]. Qal li bintu kienet ghamlet xi zmien ghandu u kienet talbitu sabiex jzommilha numru ta' dokumenti u hu kien accetta li jaghmel dan. Qal li bintu kienet marret ghandu wahedha b'dawn id-dokumenti u kienu poggewhom fi gwardarobba tieghu. Qal li wara xi zmien kienet marret ghandu u staqsietu fejn kienu dawk d-dokumenti u hu kien qalilha li ma kienx messhom. Mistoqsi meta kien dan, ix-xhud wiegeb li kien dakinhar li ghamlu r-rapport u cioe fl-

erbatax ta' Settembru 2004. Qal li s-Surgent kien staqsih jekk kellux suspett f'xi hadd u hu kien irrispondih li kellu suspett fir-ragel ta' bintu u cioe fl-imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li s-Surgent staqsih jekk riedx jinvestiga lil imputat u hu kien irrispondih li kien ahjar li jkellmu hu l-ewwel bil-kelma t-tajba ghaliex ma xtaqx li l-Pulizija tmur d-dar tieghu peress li ghandu tifel b'disabilita. Qal li sadanitant hu w bintu kienu marru fid-dar ta' bintu Carmen Pisani u tkellmu mal-imputat, staqsewh jekk effettivament kienx hu li mess d-dokumenti fejn l-imputat kien innega, pero wara li kienu qalulu li kien hemm il-pulizija li kienet qed tinvestiga, l-imputat kien ammetta mieghu li kien hadhom hu u wara xi nofs siegha kien hadhomlhom lura. Mistoqsi jekk bintu kienetx kuntenta bihom, ix-xhud irrisponda fl-affermattiv. Mistoqsi minn fejn kien gab lura d-dokumenti l-imputat, x-xhud rrisponda li ma kienx jaf. Qal li normalment hu jsakkar il-bieb ta' barra tal-flat tieghu u l-imputat qatt ma qabad u dahal hekk go daru. Qal li l-imputat ma setghax jaqbad u jidhol f'daru bla permess kif hu ma jaqbadx u jidhol f'dar bintu qabel ma jitlobha permess. Qal li fil-blokk in kwistjoni hemm zewg flats, u cioe dak tieghu u l-iehor li hu ta' bintu. Qal li ilhom jghixu f'dan il-blokk flimkien ghal dawk l-ahhar ghaxar snin.

Nhar t-tnax ta' Jannar 2005 **xehdet Carmen Pisani** [fol 180] fejn qalet li hi tigi mart l-imputat odjern. Qalet li hi kellha file li r-ragel taghha ha minn gol-gwardarobba ta' missierha li kien jikkontjeni pay slips taghha min mindu bdiet tahdem sa dakinhar li ghamlet r-rapport. Qalet li kien hemm wkoll xi kontijiet bankarji li kellha matul z-zwieg. Mistoqsija jekk kienx hemm xi policy documents ta' insurance ix-xhud wiegbet li ma kienx hemm. Qalet li zewgha l-imputat kien ammetta maghha li kien hadhom hu. Qalet li l-bieb tar-residenza ta' missierha ma jkunx imsakkar u li kienu ilhom jghixu hemmhekk ghaxar snin. Qalet li s-soltu johorgu mill-flat taghha u fl-istess indana tidhol fil-flat ta' missierha. Qalet li huwa minnu li zewgha l-imputat kien ilu zmien jitlobha r-ricevuti tal-affarijiet li huma nefqu fid-dar matul z-zwieg u dan rigwardanti d-dar li kienu jghixu fiha matul z-zwieg. Qalet li fil-kwistjoni kien hemm medjazzjoni ghaddejja. Qalet li zewgha l-imputat kellu jipprovdi indirizz ta' fejn kien sejjer joqghod pero l-

indirizz kien ghadu ma tahuliex. Ix-xhud sostniet li l-imputat m'ghadux jghix aktar fid-dar matrimonjali. Qalet wkoll li kien hemm *mouse pad* b'ritratt ta' team tal-football u kien hemm wkoll xi kartolini taghha tal-birthday fil-file li l-imputat hadilha.

Il-Qorti rat wkoll l-verbal redatt mid-Difiza waqt s-seduta tat-tnax ta' Jannar 2005 [fol 4] fis-sens li taqbel mal-Prosekuzzjoni li l-imputat qabad u dahal fir-residenza ta' Joseph Mangion minghajr pre-avviz u ha dokumentazzjoni li tappartjeni lilu u lil martu.

Illi fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' April 2005 il-partijiet rrimettew ruhhom ghall-atti tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq tehid ta' file b'numru ta' dokumenti mill-imputat mir-residenza tal-kunjatu tieghu bla pre-avviz meta dan il-file kellha dokumentazzjoni kemm tieghu kif wkoll ta' martu.

Illi din il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghall-**artikolu 331 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** li **jiddispondi s-segwenti**:

*"Hlief fil-kazijiet imsemmijin fl-artikoli 316, 317 u 318, l-azzjoni kriminali ma titmexxiex minghajr l-kwerela tal-parti offiza ghal reati li jsiru kontra hwejjeg ta' l-axxendenti jew kontra hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja tal-axxendenti, jew tal-ahwa, bniet u subnien, jew tal-qraba bi zwieg fil-linja ta' l-axxendenti jew tal-ahwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi zwieg fl-istess grad, meta dawn r-reati ma jkunux saru flimkien ma omicidju, offizi fuq il-persuna, miknhabba offiza hafifa u t'importanza zghira jew ma sekwestru tal-persuna."*

Hawnhekk si tratta ta' reat ta' serq.

Issa skond is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1994*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Salvina k/o Silvina Incorvaja**, din d-

dispozizzjoni tal-ligi tapplika biss ghat-Titolu IX tat-Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, jigifieri japplika biss gad-delitt kontra l-Proprjeta u Sigurta Pubblika.

Din hija l-istess interpretazzjoni li nghatat f'sentenza ohra moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Jannar 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Georgina Gauci** fejn gie ritenut li:

*"Ma hiex applikabbli d-dispozizzjoni tal-artikolu 331 tal-Kodici Kriminali li tipprovdi li b'eccezzjoni ta' certi delitti, ma hemmx azzjoni kriminali ghal reati li jsiru kontra hwejjeg… tar-ragel jew tal-mara… Din d-dispozizzjoni hija applikabbli biss ghad-delitti kontra l-proprjeta [u kontra s-sigurta pubblika] jigifieri mill-artikolu 261 'l quddiem."*

Ma hemmx dubbju li l-ewwel akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni hija dik tar-reat ta' serq aggravat bil-persuna skond l-artikolu 261(d) u 268. Dan r-reat huwa l-ewwel reat li nsibu mnizzel fit-Titolu XI imsejjah fuq d-delitti kontra l-proprjeta u konta s-sigurta pubblika fis-sub artikolu 1 intitolat "fuq s-serq kkwalifikat."

Ghalhekk in vista ta' dak li ntqal aktar 'l fuq din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza ghaliex fl-ewwel lok, qatt ma messa nghatat.

Dwar t-tieni akkuza u cioe dik ta' kontravenzjoni moghtija ai termini tal-artikolu 339(o) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li l-imputat dahal fir-residenza tal-kunjatu tieghu Joseph Mangion meta kien gie mwissi biex ma jghamilx hekk.

Il-Qorti fliet l-atti w ix-xhieda u tinnota li minn imkien ma jirrizulta li l-imputat qatt gie mwissi li ma kellux jidhol f'dar il-kunjatu tieghu. Jirrizulta biss li huwa ilu jghix fl-istess blokk t'appartamenti tal-kunjatu tieghu ghal perjodu ta' ghaxar snin u li l-bieb ta' barra tal-flat ta' Joseph Mangion qatt ma kien ikun imsakkar.

Il-Qorti ssibha difficili temmen kif missier li jghix fi flat taht dak ta' bintu jghid li zewg bintu ma kellux jedd jidhol f'daru bla permess. Fil-fatt Carmen Pisani, bint Joseph Mangion tghid ex admissis "*Ilna ghaxar snin nghixu hemm. Is-soltu ahna nohorgu mill-flat taghna u fl-istess indana nidhlu fil-flat tal-papa.*" Qatt ma qalet li kienet tidhol wahedha jew li kellha bzonn xi permess biex tidhol jew li zewgha ma kellux dritt jidhol. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, din l-akkuza ma gietx ppruvata.

Il-Prosekuzzjoni ghogobha takkuza lil imputat wkoll bir-reat ta' ricettazjoni. Illi sabiex tirnexxi l-akkuza ta' ricettazzjoni, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova tlett elementi u cioe:

1. Illi l-oggett huwa provenjenti minn reat;
2. In-nexus bejn l-oggetti misjuba fil-pussess ta' haddiehor u l-provenjenza illegittima tal-istess; u
3. Il-konsapevolezza tal-istess provenjenza illegittima.

A bazi ta' dawn t-tlett elementi, kif eleborat fis-sentenza mghotija mill-***Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Micallef** din il-Qorti tista tieqaf hawn. Bl-ebda mod ma gie ppurvat li l-file li nstab ghand l-imputat jew addirittura li ha l-imputat kellu provenjenza illegittima u cioe li kien gej minn reat u ghalhekk din t-tielet akkuza wkoll ma gietx ppruvata.

Illi konsegwentement, **il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 268(b), 339(o) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi li <u>ma ssibx</u> lil imputat MARIO PISANI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------